# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar 2001

## Avviz numru : 56/2000GT(GM)

**Equipment Hire Limited**

**-vs-**

**Loreto Bugeja**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-29 ta' Settembru 2000 li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitta u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm 46.60).**

**Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lil kumpanija attrici s-somma ta' sitta u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm 46.60) dovuti ghal merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata fuq inkarigu ta' l-istess konvenut;**

**U peress illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jeffettwa dan il-hlas il-konvenut baqa' inadempjenti;**

**Intalab ukoll li l-konvenut jigi wkoll ikkundannat ihallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont minn data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Settembru 2000.**

**Il-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u wara tali notifika lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2001 u lanqas ghal dik tad-19 ta' Jannar 2001, filwaqt li Dr Kevin Mompalao ghas-socjeta' attrici kkonferma l-kontenut ta' l-avviz tat-talba u stqarr li l-ammont ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal wara li ra l-artiklu 13 tal-Att V tal-1995 jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM46.60c bl-**

**imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Settembru 2000.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**